

**It-trasportazzjoni taż-żwiemel għall-qtil fl-Unjoni Ewropea**

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2010 dwar it-trasportazzjoni taż-żwiemel għall-qtil fl-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi kull sena madwar 100,000 żiemel jiġu ttrasportati distanzi twal iżżejjed taħt kundizzjonijiet inuman biex jiddaħħlu fl-Unjoni Ewropea jew biex jiġu ttrasportati fiha sabiex jinqatlu;
- B. billi jeżistu provi ddokumentati sew li ż-żwiemel qed jiġu ttrasportati fuq distanzi twal, u dan qed joħloq diversi problemi ta' benessri bħal korriement, mard, għeja u deidratazzjoni, minħabba n-nuqqasijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti;
- C. billi hemm provi sodi li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-animali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati ma ġiex infurzat b'mod qawwi;
- D. billi bħalissa qed issir reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 mill-Kummissjoni;
- 1. Jinnota l-petizzjoni miġbura mill-World Horse Welfare dwar it-trasportazzjoni fuq distanzi twal ta' żwiemel għall-qtil fl-Ewropa;
- 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex effettivament iwettqu skrutinju tal-fajl ta' evidenza tal-World Horse Welfare fil-kuntest tar-reviżjoni tal-Kummissjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005;
- 3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex jinfurzaw b'mod qawwi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005;
- 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji<sup>1</sup>, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

<sup>1</sup> Il-lista tal-firmatarji hija ppublikata fl-Anness 1 tal-Minuti tal-25 ta' Frar 2010 (P7\_PV(2010)02-25(ANN1)).